

# Sabu Kenn fir-Raħal tagħna

*Alfred Massa*

Skont stħarriġ li sar ftit ilu fir-Renju Unit instab li l-kotba tal-bijografiji huma fost l-aktar popolari. U ngħiduha, il-programm ***Bijografiji*** mxandar fuq l-istazzjon televiżiv nazzjonali ma ġibedtx ukoll numru kbir ta' telespettaturi?

Dan bir-raġun u hekk għandu jkun. Għax kull bijografija hija ritratt ħaj u dejjiem ta' persuna li tkun iddistingwiet ruħha fis soċjeta' ta' żmienha. Veru li dan jista' jpoġġi lil dik il-persuna partikolari f'dawl pożittiv daqskemm jista' jpoġġiha f'dawl notorju, imma s-siwi tal-bijografija xorta waħda jibqa' relevanti.

Ħal Tarxien hu wieħed mill-eqdem irħula f'pajjiżna; għaldaqstant, kif wieħed jistenna ħarġu minnu bosta wlied li għamlulu ġieħ. Insemmi b'eżempju lill-professur Dun Ġużepp Calleja (1741-1798), lill-iskultur Marjanu Gerada (1766-1823), lit-tobba Daniel Cecy (1877-1973) u Jimmy Farrugia (1922-2006), lill-professur Mons. Karm Sant (1921-1992) u lil tant oħrajn.

Min-naħa l-oħra, mhux ta' min jinsa lil dawk il-persuni prominenti f'oqsma differenti li għalkemm ma kinux Tarxiniżi, xorta waħda għal xi żmien sabu kenn fir-raħal tagħna. Dawn kienu diversi; pero', f'din il-kitba se nsemmi biss tlieta minnhom: il-folklorista Ġużè' Cassar Pullicino, il-kittieb Ninu Cremona u l-istoriku Emmanuel B. Vella.

## Ġużè' Cassar Pullicino



Ġużè' Cassar Pullicino twieled Birkirkara fil-21 ta' Settembru 1921. Studja l-Malti u ngħaqad fl-Għaqda tal-Malti (Univ.). Għal xi żmien kien Ass. Editur tar-rivista tal-Għaqda *Leħen il-Malti*. Awtur ta' diversi kotba bil-Malti u bl-Ingliż.

Iżda l-aktar li baqa' magħruf fil-qasam tal-folklor, tant li bejn l-1962 u l-1973 mexxa r-rivista *Maltese Folklore Review*, barra milli qabel kien ukoll Editur tar-rivista *Melita Historica* (1952-1961). Fl-1964 l-Għaqda tal-Folklor ħatritu bħala president onorarju tagħha.

Ta' min jgħid, li Ġużè' Cassar Pullicino għadda ħafna mis-snin ta' tfulitu f'Ħal Tarxien. Fil-fatt, f'għadd ta' artikli li ppubblika fil-gazzetta *Leħen is-Sewwa* (Ġunju, 1994) stqarr li trabba u għex f'Ħal Tarxien sal-aħħar Gwerra Dinjija (1939-1945). Dawn l-artikli kienu taħdita li Ġużè' kien għamel f'Dar Nazareth fis-6 ta' Marzu 1992 meta l-parroċċa tagħna fakkret ir-raba' Ċentinarju tagħha.

Kienet taħdita interessanti li wriet kemm dan il-kittieb/folklorista kellu għal qalbu lil Ħal Tarxien. B'mod mill-aktar dettaljat huwa ta stampa ċara tal-ħajja fir-raħal fis-snin tletin/erbgħin. Naqqax kliemu b'referenzi marbutin mal-istorja tal-ħajja soċjali u reliġjuża ta' raħalna f'dawk iż-żminijiet.

Peress li kien joqgħod viċin Dun Karm Sant *ftit 'il fuq mill-Għassa* (Dar Aspinall) *u fejn l-Erwieħ* il-ħbiberija bejniethom kienet kbira. Spiss kienu joħorġu flimkien u jerħulha lejn Sqaq Sardinja (illum spiċċa) u erħilhom jitkellmu u jiddiskutu temi kulturali.

L-impressjoni ġenerali tar-raħal jinsabu minquxin fil-kitbiet tiegħu *It-Triq Tagħna* u *Mill-Hajja Maltija*; kitbiet inklużi fil-ktieb tiegħu KELMA WAHDA BISS (K.K.M. Nru.7, 1971).

Ġużè' Cassar Pullicino miet fit-13 ta' Marzu 2005 fid-dar tiegħu f'Ħal Balzan.

## Ninu Cremona

Dr. Ninu Cremona wieħed mill-pilastri maġġuri tal-Ilsien Malti twieled ir-Rabat, Għawdex fis-27 ta' Mejju 1880. Ta' tmien snin ġie Malta u studja fil-kulleġġ Flores u fis-seminarju arċiveskovili. Laħaq spettur sanitarju, iżda wara ħalla dax-xogħol biex



sar għalliem tal-Malti fil-Liċeo.
Kemm dam jaħdem bħala spettur sanitarju is-"Sur Nin" kien joqgħod fi Triq Santa Marija, fir-raħal tagħna. Tlett iħbieb kbar tiegħu kienu Dun Karm Sant, Rafel Bonnici Calì u Ġużè Cassar Pullicino. B'hekk wieħed jifhem ir-rabtiet li Cremona kellu ma' Ħal Tarxien.

Ninu Cremona ta bidu għall-karriera letterarja tiegħu waqt li kien joqgħod ir-raħal. Fil-fatt, dwar l-ewwel poeżija li niseġ kiteb hekk: *Ma kellix ħlief 17-il sena meta wieħed minn sħabi fis-seminarju tal-Furjana, illum imdaħħal fiż-żmien, li kien trabba ħal Tarxien ma' zitu, kien ħajjarni niktiblu xi erba' versi bit-Taljan għall-festa tal-Lunzjata f'Ħal Tarxien. Dawk kienu l-ewwel versi li jien bqajt inżommhom bħala waħda mill-iktar tifkiriet għeżież ta' żgħożiti.* Il-poeżija kien jisimha **A Maria Vergine**.

Aktar tard huwa kiteb l-ewwel poeżija bil-Malti bl-isem **Il-Għannej ta' Wara l-Bjut**. Kemm dam fostna, Cremona kiteb ukoll il-kapolavur tiegħu **Il-Fidwa tal-Bdiewa**, poema drammatika li kisbitlu fama kbira. Dan ix-xogħol deher għall-ewwel darba fir-rivista *The Teacher* fl-1936.

Ta' min jgħid, li anki meta ma baqax joqgħod Ħal Tarxien, Ninu Cremona baqa' marbut miegħu. Insemmi b'eżempju s-sunett **Lil Ommna Marija Mħabbra Omm Alla** u l-proża **Ħal Tarxien f'żgħożiti.** F'din il-kitba Cremona juri n-niket tiegħu li kellu jinfired mir-raħal u minn nies li tant ħabb. Araw ftit x'qal: *Bosta kienu t-tifkiriet li baqgħu jorbtuni ma' dan ir-raħal li jien bqajt ngħożż; tifkiriet ta' l-aħjar zmien ta' żgħożiti li fih jien kont bdejt it-triq tal-kitba Maltija.*

Wara Ħal Tarxien Dr Ninu Cremona mar joqgħod għal xi żmien fi Triq Santa Ubaldeska, Raħal Ġdid. Imbagħad telaq lejn ir-Rabat, Għawdex fejn miet fil-għomor ta' 91 sena fl-4 ta' Jannar 1972. B'hekk dis-sena qegħdin infakkru l-40 anniversarju tal-mewt tiegħu.

## E.B. Vella

It-tielet persuna li sabet kenn fir-raħal tagħna huwa Emmanuel Benjamin Vella, storiku, arkeoloġiku u kittieb; aktar magħruf bħala E.B. Vella. Huwa twieled il-Mosta fl-20 ta' Ġunju 1899.



Min hu ta' ċerta eta' bħali, żgur li jiftakar lil E.B. Vella għall-kotba bil-Malti li kien ippubblika u li kellna f'idejna meta konna nattendu l-iskola primarja. Qed nirreferi għas-sett kotba bl-isem **Ġabra ta' Ward** ippubblikati fl-1930 u fl-1935 rispettivament; kotba gradwati mimlijin kitbiet ta' proża u poeżija adattati għall-etajiet partikolari tal-istudenti.

Ta' min jgħid li Vella għamel żmien joqgħod Ħal Tarxien fi Triq Paola qrib id-dar ta' Dun Ġwann Diacono, li skont Ġuże' Cassar Pullicino, it-tnejn *kienu ħbieb sewwa u sikwit kienu jiltaqgħu u joqogħdu jitkellmu flimkien.* Sakemm dam joqgħod ir-raħal Vella kien iħobb jattendi l-knisja parrokkjali speċjalment għall-quddies ta' nhar ta' ħadd u kien ukoll joħroġ jiġbor bil-kopp waqt il-quddiesa.

Skond l-istess Pullicino, E.B. Vella kien bniedem ta' qalb kbira. Tant hu hekk li meta kien surmast tal-iskola primarja tal-gvern f'Ħal Tarxien kien iħajjar lit-tfal biex jagħtu xi biċċa mill-ħobż tagħhom lil wieħed tallab, ċertu Peppi "Borża" li kien ikun bilqiegħda qrib l-iskola.

Semmejt li E.B.Vella kien surmast tal-iskola primarja tal-gvern fir-raħal tagħna. Huwa kien laħaq wara s-Sur Ġużeppi Spiteri li kien joqgħod Ħal Luqa. Dak iż-żmien l-iskola kienet fejn illum hemm il-*Villa Le Fevre* faċċata ta' Triq Ħal Tarxien li tifred Triq Santa Marija u Triq Paola. Fl-iskola kienu jattendu tfal minn Ħal Tarxien u Raħal Ġdid.

Niftakar lil missieri jgħidli (li kien jattendi l-iskola msemmija fi żmien E.B.Vella) li s-surmast kien strett ħafna. Fil-fatt, jingħad li meta ġie fostna ġab miegħu ideat u metodi ġodda. Missieri kien qalli li huma u deħlin l-iskola kien ikun fil-bieb u t-tfal juruh idejhom miż-żewġ naħat biex juru li jkunu ndaf. Jien nista' nimmaġina, għax għal xi żmien kont ngħallem ma' ibnu Reginald li kien surmast tiegħi fl-iskola primarja ta' Birżebbuġa u li kellu tmexxija ta' stil militari. Missieri kien qalli wkoll li fuq il-bieb ewlieni tal-iskola kien hemm miktubin b'ittri kbar il-kliem: *Kull ħin hu ħinu* biex juri lit-tfal l-importanza tal-ħin fil-ħajja tal-bniedem.

Fost il-kotba li ħalla warajh, mhux ta' min jinsa jsemmi dawk li ħareġ bil-Malti dwar l-istorja ta' diversi rħula f'Malta, bħal: Mosta, Ħaż Żabbar, iż-Żejtun u Marsaxlokk, Birkirkara, ir-Rabat, l-Imdina u anki Ħal Tarxien u Raħal Ġdid li dak iż-żmien kienu kważi meqjusin bħala raħal wieħed.

Wara li temm mil-kariga ta' surmast, Vella laħaq spettur fl-iskejjel governattivi. Għamilha wkoll ta' gwida għat-turisti li żaru t-Tempji Neolitiċi tagħna u l-Hypogeum. Huwa għadda l-aħħar żmien ta' ħajtu f'raħal twelidu, il-Mosta, fejn miet fit-2 ta' Mejju 1946.

## Għeluq

Dawn kienu biss tliet persuni prominenti li qattgħu xi snin jgħixu fostna. Magħhom kien hemm oħrajn u ħallew timbru fuq raħalna billi għamlulna ġieħ. Ħasra li mhux kollha għandna xi tifkira tagħhom. Forsi fil-ġejjieni għad issir xi ħaġa li tibqa' tfakkarhom għall-ġenerazzjonijiet li għad jiġu warajna.


• Building • Construction
• Building Repairs
• Hi-up Service
• Scaffolding Hire
J. Cassar
Mob: 9940 2302


